**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 691/2020 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**
**vs**
**Julian Micallef**

**Illum 18 ta' Dicembru, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Julian Micallef, detentur tal-karta tal-identita' numru 463689M:

Akkuzat talli nhar l-10 ta' Dicembru 2020 u fil-granet, u fix-xhur u fis-snin ta' qabel f'diversi hinijiet u f'diversi postijiet gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkaguna lis-siehba tieghu u cioe' Antonella Borg, li tigi wkoll omm it-tfal tieghu Sharonia Micallef u Ella Micallef, biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghha;

2. Uza vjolenza, inkluz vjolenza morali u/jew psikologika, u/jew sfurzar, sabiex igieghel jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel, xi haga, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet jew izola jew illimita l-access ghall-flus, edukazzjoni jew impjieg ghad-detriment tas-siehba tieghu Antonella Borg li tigi wkoll omm it-tfal tieghu Sharonia Micallef u Ella Micallef u dana meta kien qed ikun tali fil-prezenza tal-imsemmija minuri u waqt li kien qed jghix maghhom.

U aktar talli fl-10 ta' Dicembru 2020 fit-3:30pm gewwa s-Siggiewi:

3. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Antonella Borg f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq is-siehba tieghu l-istess Antonella Borg li tigi omm it-tfal tieghu Sharonia Micallef u Ella Micallef, hekk kif iccertifikaha Dr J.P. Tabone (MD: 3051) mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana;

4. Hebb ghas-siehba tieghu Antonella Borg sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara b'xi mod;

5. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lis-siehba tieghu Antonella Borg;

6. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

7. L-imputat kiser il-bon ordni u l-paci pubblika.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Julian Micallef a beneficcju ta' Antonella Borg u l-familja taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi ghall-persuna ta' Antonella Borg u l-familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Julian Micallef b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali

ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmi Julian Micallef sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Audrey Micallef, qrat u kkonfermat bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 13 ta' Dicembru 2020.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', nota mmarkata bhala Dok AM1, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok AM2, fedina penali mmarkata bhala Dok AM3, rikors immarkat bhala Dok AM4, rifjut tal-parir legali mmarkat bhala Dok AM5, rapport tal-Appogg immarkat bhala Dok AM6, dettalji tal-imputat immarkat bhala Dok AM7, certifikat mediku mmarkat bhala Dok AM8, rapport tal-incident immarkat bhala Dok AM9 u CD mmarkat bhala Dok AM10.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Dr John Tabone.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar it-18 ta' Dicembru, 2020.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni fuq il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti ma kellhiex bzonn tehli iktar zmien f'dawn il-proceduri biex tigbor il-provi. Illi l-imputat jirrizulta wkoll li m'ghandux fedina penali mimlija, meta l-unika haga mnizzlha fl-istess fedina tirrisali ghas-sena 2012, li hija kontravvenzjoni tat-traffiku, ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tarax li l-imputat ghandu jinghata piena karcercarja effettiva. Oltre dan kemm id-difiza u l-prosekuzzjoni irregistraw din il-fehma taghhom fil-verbal datat 18 ta' Dicembru 2020.

**Decide:**

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 202(H)(iv)(j)(i) et seq, 214, 221(1), 222(a), 251, 251B, H(a)(b), 251HA, 339(1)(d)(e)(h) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u fuq ammissjoni tal-imputat, ssib lill-imputat, Julian Micallef, hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu u tordna li l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' 'Probation' ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien tmintax-il (18) xahar mil-lum u, tapplika l-Artikolu 382A u timponi ordni ta' trazzin fil-konfront tal-hati fejn il-persuna protetta hija dik ta' Antonella Borg u dan ghal perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti fehmet bi kliem car u li jinftiehem il-portata ta' din l-ordni u l-konsegwenzi li l-hati jkollu jaffaccja fil-kaz li huwa jonqos milli jwettaq din l-ordni skond kif ordnat lilu.

Il-Qorti qed tibghat l-atti flimkien ma' din is-sentenza lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**

**Deputat Registratur**